It-Tnejn u Tletin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

Qari I

Il-Għerf isibuh dawk li jfittxuh.

Għerf 6, 12-16

Qari mill-Ktieb tal-Għerf

12 L-għerf jiddi, bla qatt ma jnemnem,
malajr jagħrfuh dawk li jħobbuh,
u jsibuh dawk li jfittxuh.

13 Hu jħabrek biex jidher lil dawk li jixtiquh.
14 Min ibakkar ifittxu, ma jitħabatx,
għax ħdejn biebu bilqiegħda jsibu.
15 L-aqwa ta' l-għaqal hu li taħseb fl-għerf,
u min jishar għalih malajr jeħles mill-inkwiet.

16 L-għerf idur u jfittex lil dawk li jixirqulu,
kollu ħlewwa jidhrilhom fit-triq,
u jiltaqa' magħhom f'kull ħsieb tagħhom.

Il-Kelma tal-Mulej

R/. Irroddu ħajr lil Alla

Salm Responsorjali

Salm 62 (63), 2.3-4.5-6.7-8

R/. (2b): Mulej, Alla tiegħi, ruħi bil-għatx għalik

[2]Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma. R/.

[3]Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.
[4]Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja,
xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek. R/.

[5]Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha;
ngħolli idejja u nsejjaħ ismek.
[6]Bħal b'ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela,
u jgħannilek fommi b'xufftejn ferrieħa. R/.

[7]Meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar,
u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.
[8]Għax inti kont għajnuna għalija,
għad-dell ta' ġwenħajk ngħanni bil-ferħ. R/.

Qari II

Alla għad jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù.

1 Tes 4, 13-18

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin

13 Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin biex ma ssewdux
qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama. 14 Jekk aħna nemmnu
li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil
dawk li raqdu f'Ġesù.

15 Dan ngħidulkom fuq il-kelma tal-Mulej, jiġifieri li aħna li nkunu
għadna hawn ħajjin għall-miġja tal-Mulej, ma mmorrux qabel dawk
li jkunu raqdu. 16 Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen ta'
l-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu
fi Kristu jqumu l-ewwel. 17 Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu
għadna hawn, ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej
fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej.

18 Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem.

Il-Kelma tal-Mulej
℟. Irroddu ħajr lil Alla

Jew il-forma l-qasira

Qari II

Alla għad jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù.

1 Tes 4, 13-14

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin

[13]Ma rridux li ma tkunux tafu, ħuti, fuq il-mejtin biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama. [14]Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù.

Il-Kelma tal-Mulej
R/. Irroddu ħajr lil Alla

Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 24, 42a.44

Hallalujah. R/. Hallelujah
Ishru, mela, u kunu lesti,
għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem.
R/. Hallelujah

Evanġelju

Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!

Mt 25, 1-13

Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola:
1«Is-Saltna tas-Smewwiet ixebbhuha ma' għaxar xebbiet li ħarġu
bl-imsiebaħ tagħhom biex jilqgħu l-għarus. 2Ħamsa minnhom kienu
boloh u ħamsa għaqlin, 3għax il-boloh ħadu l-imsiebaħ imma ma
ħadux żejt magħhom, 4waqt li l-għaqlin ħadu mhux biss l-imsiebaħ
iżda wkoll iż-żejt fil-kwies. 5L-għarus iddawwar ma ġie, u għalhekk
ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu.

6Imbagħad f'nofs ta' lejl instama' min jgħajjat: "Ara l-għarus! Oħorġu
ilqgħuh!" 7Dawk ix-xebbiet qamu lkoll u ħejjew l-imsiebaħ tagħhom.
8Iżda l-boloh qalu lill-għaqlin: "Agħtuna ftit żejt minn tagħkom, għax
l-imsiebaħ tagħna jintfew." 9Qabżu l-għaqlin u qalu: "Għandu mnejn
ma jibqax biżżejjed, la għalina u lanqas għalikom! L-aħjar morru
għand tal-ħanut u ixtru għalikom."

10Xħin dawk marru biex jixtru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu
miegħu għall-festa tat-tieġ, u l-bieb ingħalaq. 11Saflaħħar waslu wkoll
ix-xebbiet l-oħra, u bdew jgħidu: "Sinjur, Sinjur, iftħilna!" 12Iżda hu
weġibhom u qal: "Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx."

13Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa.»

Il-Kelma tal-Mulej
R/. Tifħir lilek Kristu